MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 165/2007

**Alice Borg Olivier ID358762M, Anthony Stivala, Adrian Stivala ID849453M u Rosina sive Rose Stivala f'isimha u bhala mandatarju u ghan-nom ta' Karen Camilleri**

**vs**

**Mrs. Giovanna Camilleri u skond id-digriet tat-2 ta' Ottubru 2008 gie kjamat in kawza Frank Bajjada, u skond il-verba tat-23 ta' Ottubru 2009 giet rtrata t-talba ghall-kjamat in kawza Frank Bajada**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu minghand il-konvenuta l-hlas ta' LM1063.00 bhala cens.

**Ra** r-RISPOSTA li t-talba kellha tkun diretta kontra l-familja Bajada mhux kontra l-konvenuta Camilleri.

**<u>PROVI</u>**

1. Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2007 l-attur Adrian Stivala xehed li l-fond 68, Capri Flats, Summen Street, Bugibba kienet propjeta' ta' missieru u meta dan miet wirtuha uliedu, b'ommhom tkun uzufruttwarja. Qed jitolbu cens ghall-perijodu Lulju 2002 sa Lulju 2007. Il-konvenuta qatt ma cahdet li ried isir il-hlas izda qalet li riedet tigbor il-flus minghand haddiehor.

2. Fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2008 giet, ghan-naha tal-atturi, esebita Nota b'diversi dokumenti biex isostnu d-dritt taghhom ghac-cens imsemmi.

3. Fit-2 ta' Settembru 2008 il-konvenuta talbet is-sejha fil-kawza ta' Frank Bajada billi lilu zewgha, llum mejjet, kien ikkonceda l-fond b'subcens lill-familja Bajada fosthom Frank Bajada. Dana talbitu ghall-ekonomija tal-gudizzji minkejja li dan m'ghandux relazzjoni diretta mal-atturi.

4. B'degriet tat-2 ta' Ottubru 2008 it-TRIBUNAL ordna s-sejha fil-kawza mitluba. Wara, izda, t-talba giet irtirata meta sar maghruf li Frank Bajada ma joqghodx Malta (ara verbal fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2009).

5. Wara diversi differimenti ghal possibbli transazzjoni, fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2011 gie verbalizzat li deher Dr. Stephen Thake ghall-atturi u qal, li s-sorte kienet thallset izda ma thallasx l-imghax u anqas gew rimborsati lill-atturi l-ispejjes tal-procedura odjerna.

**DECIZJONI**

It-TRIBUNAL, wara li qies dak kollu mfisser hawn fuq **jiddeciedi** billi (1) **jastjeni** ruhu milli jiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tac-cens mitlub billi dan thallas *pendente lite* (2) **jikkundanna** lill-konvenuta thallas l-imghax fuq l-ammont ta' cens mitlub u dana (b'sens ta' ekwita') ghall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2003 sas-27 ta' Ottubru 2011 – dana billi ma giex precizat meta attwalment thallas ic-cens izda sa fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru il-kawza giet differita ghal probabbli transazzjoni u (3) **jikkundanna** lill-konvenuta thallas l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------